



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 10.5.2012
COM(2012) 216 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar l-Ilma

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL- KUMITAT TAR-REĠJUNI

dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar l-Ilma

1. Introduzzjoni

L-għargħar, l-iskarsezza tal-ilma u n-nixfiet għandhom impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi enormi. Il-livelli insuffiċjenti tal-kwalità tal-ilma joħolqu theddid għas-saħħa pubblika u l-bijodiversità u l-provvista tal-ilma tax-xorb sikur u tas-sanità għandhom joħolqu problemi, kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha. Jeħtieġ li jiġu żviluppati approċċi ġodda u innovattivi għall-ġestjoni sostenibbli tal-pressjonijiet dejjem jiżdiedu fuq ir-riżorsi tal-ilma.

Is-Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni kienu proposti fl-Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni"¹ li tipprovdi għal approċċ strateġiku u qafas biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet fis-sistema Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni sabiex jitħaffu l-innovazzjonijiet li jagħmlu kontribut sinifikanti għas-soluzzjoni tal-isfidi tas-soċjetà. B'dan il-mod, il-kompetittività tal-Ewropa għandha tissaħħaħ, billi tikkontribwixxi għall-ħolqien tal-impjiegi u għat-tkabbir ekonomiku. Is-Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni huma l-mezz kif jinġabru flimkien l-għarfien espert u r-riżorsi dwar prijoritajiet politiċi ewlenin billi jimmobilizzaw u jgħaqqdu flimkien il-partijiet involuti rilevanti kollha fid-diversi oqsma ta' politika, setturi u konfini biex iwasslu aktar malajr lin-nies il-benefiċċji tal-iskoperti u tal-innovazzjoni.

L-importanza tal-innovazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-ilma hija rikonoxxuta mill-Istati Membri tal-UE. Fil-21 ta' Ġunju 2011, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea stieden lill-Kummissjoni biex *"investiga sħubija għall-innovazzjoni dwar l-ilma f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, bil-ħsieb li jinkiseb użu sostenibbli u effiċjenti tal-ilma"*².

L-importanza għall-Ewropa li tinvolvi ruħha fil-ġestjoni sostenibbli tal-ilma bħala riżorsa ewlenija hija enfasizzata fl-inizjattiva ewlenija tal-Istrateġija Ewropa 2020 - Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza³. Il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi⁴ jenfasizza l-gwadanni fl-effiċjenza li jistgħu jinkisbu.

Bħalissa l-Kummissjoni qed tiżviluppa Pjan dettaljat li jissalvagwardja l-ilmijiet tal-Ewropa, il-pass ewlieni relatat mal-ilma fil-Pjan Direzzjonali għall-Użu effiċjenti tar-riżorsi. Sa tmiem l-2012, il-Pjan dettaljat se jressaq it-tweġiba tal-politika għall-isfidi tal-kwistjonijiet ta' implimentazzjoni u għan-nuqqasijiet relatati mal-qafas attwali tal-politika tal-UE dwar il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma. Il-Pjan dettaljat u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se jkun żviluppata f'koordinazzjoni mill-qrib sabiex ikun żgurat li approċċi innovattivi u l-miżuri ta' innovazzjoni min-naħa tad-domanda jiġu integrati fl-iżvilupp u r-realizzazzjoni tal-politika tal-UE dwar il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma. Barra minn hekk, is-Sħubija Ewropea għall-

¹ Il-Komunikazzjoni COM(2010) 546 finali.

² Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Ġunju 2011. (Id-dokument nru 11308/11)

³ Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza, COM(2011)21 finali

⁴ Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi, COM(2011) 571 finali

Innovazzjoni se tibni fuq il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekoinnovazzjoni⁵, li jiffoka fuq l-istimolar tal-innovazzjoni li tirriżulta fi jew timmira lejn it-tnaqqis tal-perssonijiet fuq l-ambjent u tad-distakk bejn l-innovazzjoni u s-suq.

2. Jinħatfu l-opportunitajiet tal-innovazzjoni

Iċ-ċittadini, is-soċjetajiet, l-agrikoltura u l-industriji se jkollhom b'zonn dejjem aktar soluzzjonijiet innovattivi sabiex il-ħtieġa li l-ilma jintuża b'mod aktar effiċjenti u effettiv tkun issodisfata. Il-ħsieb innovattiv u l-użu intelliġenti tal-innovazzjoni għandhom il-potenzjal li jwasslu lis-suq soluzzjonijiet ġodda malajr u b'mod effiċjenti filwaqt li jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-utenti finali fiż-żoni urbani, rurali u industrijali.

Il-ftuħ tal-potenzjal tal-innovazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-ilma jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ħolqien tal-impjiegi, għat-ktabbir ekonomiku u għall-kompetittività fl-Ewropa. Żieda ta' 1 % fir-rata tat-ktabbir tal-industrija tal-ilma fl-Ewropa tista' tissarraf f'bejn 10 000 u 20 000 impjieg ġdid⁶. Jekk taħtaf l-opportunitajiet ġodda u sinifikanti tas-suq, l-Ewropa tista' tippożizzjona lilha nnifisha dejjem aktar bħala mexxej globali tas-suq fl-innovazzjoni u fit-teknoloġija relatati mal-ilma.

Meta tingħata spinta lill-kompetittività u t-ktabbir fis-settur Ewropew tal-ilma, settur li jinkludi impriżi żgħar u medji attivi (9000) u li jipprovdi 600 000 impjieg dirett fis-servizzi tal-ilma biss⁶, il-potenzjal huwa sinifikanti. Dan il-potenzjal jeżisti wkoll għal setturi oħra relatati mal-ilma (l-industriji li jużaw l-ilma, l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-ilma eċċ.) fejn l-innovazzjoni tista' toħloq effiċjenzi operattivi oġhla. Jeżisti suq dinji tal-ilma li qed jikber b'mod rapidu u huwa stmat li sal-2020 dan se jirrappreżenta USD triljun⁷.

Is-setturi Ewropej relatati mal-ilma diġà qed joperaw madwar id-dinja kollha għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi fis-settur tal-ilma, iżda spiss ma jiksbox il-benefiċċji tal-kummerċjalizzazzjoni tagħhom. L-eliminazzjoni tal-ostakli għall-iskoperti tas-suq u l-promozzjoni tal-vantaġġi komparattivi tal-Ewropa fil-katina tal-valur tal-innovazzjoni għandhom jiffaċilitaw il-proċess li bih il-kumpaniji jwasslu s-soluzzjonijiet lis-suq, u b'hekk jirrealizzaw il-potenzjal ekonomiku sħiħ tagħhom.

Soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi relatati mal-ilma jistgħu jappoġġaw b'mod dirett l-għanijiet ambjentali usa' tagħna bħall-ħarsien tal-kapital naturali u tal-ekosistemi tagħna, kif ukoll tal-biodiversità li ssostnihom. Minbarra dan, soluzzjonijiet fir-rigward tal-ilma għax-xorb u tat-trattament tal-ilma ta' skart huma għall-benefiċċju tas-saħħa pubblika, li min-naħa l-oħra se jiġġeneraw iffrankar sinifikanti. Barra minn hekk, soluzzjonijiet li jtejbu l-protezzjoni taż-żoni, kif ukoll fiż-żoni li huma suxxettibbli għall-għargħar għandhom isaħħu s-sikurezza tal-pubbliku u jevitaw it-telf ekonomiku potenzjali.

3. L-isfidi tas-soċjeta

Mingħajr politika effettiva li tistimola l-innovazzjoni, l-Ewropa tirriskja li ma tkunx kapaċi tilħaq il-potenzjal tagħha fis-swieq globali tal-innovazzjoni relatata mal-ilma u għalhekk jista'

⁵ COM(2011) 899 finali

⁶ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva Għall-Ipprogrammar Konġunt fil-Qasam tar-Riċerka dwar l-Ilma (SEC (2011) 1250 finali)

⁷ Rapport dwar ir-Riċerka mil-Lussemburgu "Water Cultivation: The Path to Profit in Meeting Water Needs", 2008

jagħti l-każ li jkollha tikseb it-teknoloġija minn x'imkien ieħor biex tkun tista' tittratta l-isfidi taġħha relatati mal-ilma⁸.

Studji riċenti juru li sal-2030 id-domandi li jikkompetu bejniethom għar-riżorsi skarsi tal-ilma jistgħu jwasslu għal madwar 40 % ta' skarsezza fil-provvista globali tal-ilma⁹, u dan se jaffettwa wkoll partijiet kbar mill-Ewropa. Il-kompetizzjoni għall-ilma nadif mistennija li kulma jmur se twassal dejjem aktar għal konsegwenzi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u ġeopolitiċi globali.

L-isfidi relatati mal-kwalità u mal-kwantità tal-ilma huma sinifikanti. Proporzjon sostanzjali tal-ilma heġu tal-Ewropa jinsab fir-riskju li sal-2015 ma jilħaqx l-għanijiet tad-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Ilma. Skont l-analiżi preliminari tal-2009, 30 % tal-ilmijiet tal-wieċ u 38 % tal-ilmijiet taħt l-art huma fir-riskju li ma jiksbox status tajjeb¹⁰. Dan għandu effetti negattivi fuq il-bijodiversità u fuq is-saħħa pubblika u jfixkel il-forniment tas-servizzi tal-ekosistema.

Fir-rigward tal-kwantità tal-ilma, l-iskarsezza tal-ilma u n-nixfiet diġà jaffettwaw terz mit-territorju tal-UE f'latitudnijiet differenti. Tqabbil tal-impatti tan-nixfiet fl-UE bejn l-1976 u l-1990 u l-1991 u l-2006 juri rduppar kemm tal-erja kif ukoll tal-popolazzjoni affettwati¹¹. Barra minn hekk, matul l-aħħar għaxar snin, l-Ewropa sofriet aktar minn 175 għargħar kbir, li kkawżaw l-imwiet, l-ispostament tal-persuni u telf ekonomiku kbir¹¹.

Dawn l-isfidi mistennija li jiżdiedu minħabba t-tibdil fil-klima, l-iżviluppi soċjoekonomiċi u d-domanda dejjem tiżdied għall-ilma fl-agrikoltura għall-produzzjoni tal-ikel u tal-bijomassa. L-urbanizzazzjoni u l-industrijalizzazzjoni mġhaġġla, flimkien mal-iżviluppi demografiċi ggravaw il-problemi tal-ilma, billi l-infrastruttura tal-ilma li kulma jmur qed teqdiem, qed tippreżenta sfidi addizzjonali. Barra minn hekk, il-gwadanni tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma u tal-enerġija u l-interazzjonijiet se jsiru dejjem iktar importanti fil-qasam tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma.

Għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-kisba tal-Miri tal-Millennju għall-Iżvilupp fir-rigward tas-saniità u tal-ilma għax-xorb hija strumentali fil-ġlieda kontra l-faqar u biex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku ta' miljuni ta' persuni.

4. Ir-reazzjoni tal-UE

Il-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u l-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli huma interkonnessi u jirrikjedu approċċ integrat. Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se tiffaċilita t-tiftix għal soluzzjonijiet innovattivi b'appoġġ għal politika effettiva tal-UE dwar l-ilma kif ukoll għar-realizzazzjoni tal-potenzjal tan-negozju u tal-industrija biex jinnovaw u jiksbox vantaġġ kompetittiv. Minbarra approċċi ġodda għar-riċerka u għall-iżvilupp teknoloġiku se jkun meħtieġa wkoll approċċi ġodda għall-finanzjament, għat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni, għall-governanza, għall-ippjanar fiżiku, għall-istituzzjonijiet, għall-ġestjoni u għal dixxiplini oħra jew l-interazzjoni bejniethom.

⁸ Global Water Intelligence, 2011. Global Water Market 2011 - Meeting the world's water and wastewater needs until 2016.

⁹ McKinsey & Company, 2009. Charting our Water Future: Economic frameworks to inform decision-making.

¹⁰ Nota għad-Diretturi tal-Ilma, 'Preliminary analysis of the River Basin Management Plans in 2009'. Il-laqgħa tad-Diretturi dwar l-Ilma, Varsavja, mit-8 sad-9 ta' Diċembru 2011.

¹¹ L-Aġenzija Ewropea tal-Ambjent (EEA), 2010. Riżorsi tal-ilma: kwantità u flussi – SOER 2010 valutazzjoni tematika.

4.1 Il-Valur Miżjud tal-UE

L-għarfien u t-teknoloġija fis-settur Ewropew tal-ilma huma eċċellenti iżda mifruxa. Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni tista' toħloq massa kritika billi tiġbor ir-riżorsi fid-diversi s-setturi u l-konfini u tippromwovi l-kompetizzjoni u kundizzjonijiet indaqs. L-azzjoni fil-livell Ewropew tista' tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-isforzi, il-prevenzjoni tad-duplikazzjoni, l-istabbiliment ta' għanijiet komuni, it-tisħiħ ta' inizjattivi kif ukoll tħaffef it-twassil ta' soluzzjonijiet innovattivi. Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se tagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi eżistenti u se tirrakkomanda azzjonijiet li jirrikjedu appoġġ addizzjonali. Barra minn hekk, approċċ tal-UE għandu jipprovdi l-ekonomiji ta' skala neċessarji għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-inkoraġġiment tat-tixrid ta' soluzzjonijiet innovattivi.

L-ilma mhuwiex limitat għall-konfini amministrattivi. Il-karatteristiċi transkonfinali tal-ġestjoni tal-ilma jirrikjedu strateġija Ewropea olistika u integrata applikata fil-livell tal-baċiri tax-xmajjar, kif riflessa fil-politika Ewropea dwar l-ilma. Il-koordinazzjoni reġjonali u internazzjonali hija strumentali biex dan jinkiseb.

Il-miżuri fil-livell tad-domanda (l-akkwist, l-oqfsa regolatorji, l-istabbiliment ta' standards, eċċ.) huma ta' importanza kruċjali għall-introduzzjoni u għall-adozzjoni tal-innovazzjonijiet relatati mal-ilma, u dawn għandhom jiġu identifikati permezz tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni. Il-leġislazzjoni regolatorja Ewropea hija fattur ewlieni għall-innovazzjoni u għan-negozju. Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni tista' tgħin sabiex is-soluzzjonijiet innovattivi jissarrfu b'mod adegwat fi żviluppi politiċi u f'implimentazzjoni. L-akkwist mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-utilitajiet tal-infrastruttura relatata mal-ilma għandu l-potenzjal li jsir mutur ewlieni għall-iżvilupp u għall-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi. Oqfsa regolatorji oħra, bħad-Direttiva dwar l-Ekodisinn, jistgħu jitqiesu rilevanti għat-titjib tal-penetrazzjoni fis-suq ta' disinni innovattivi li jappoġġaw għanijiet politiċi. Jista' jkun hemm il-ħtieġa li l-istandards rilevanti jiġu żviluppati jew aġġornati.

L-istrumenti tal-UE li jiffokaw fuq l-innovazzjoni fil-livell tal-provvista, eż. l-iffinanzjar tar-riċerka u tal-iżvilupp, jeħtieġ li jkunu marbuta b'mod adegwat mal-azzjonijiet, mal-miżuri u mal-politiki fuq in-naħa tad-domanda, li huma meħtieġa sabiex jitħeġġu l-innovazzjonijiet. Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se tgħaqqad flimkien dimensjoni siewja tar-riċerka u l-innovazzjoni, bis-saħħa ta' miżuri fuq in-naħa tad-domanda fid-diversi oqsma politiċi sabiex jitqassar iż-żmien sal-ħruġ fis-suq tal-innovazzjonijiet, mal-azzjonijiet fil-livelli nazzjonali u tal-UE ta' appoġġ għall-innovazzjoni (jiġifieri billi teżamina r-regolamenti u tippromovi regoli ġodda, billi tħaffef l-approvazzjonijiet tal-prodotti u l-istabbiliment ta' standards, u billi tintroduċi strateġiji tal-akkwist pubbliku, eċċ.). Fl-aħħar nett, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se toħloq opportunitajiet transkonfinali għall-industriji, partikolarment fir-rigward tal-imprezzi żgħar u medji, sabiex jinstabu msieħba għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi fl-UE kollha.

4.2 L-għanijiet u l-miri

F'konformità mal-isfidi u l-opportunitajiet deskritti hawn fuq, u minħabba r-rilevanza tal-azzjoni fil-livell tal-UE, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar l-Ilma għandha tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet globali tal-politika tal-UE dwar l-ilma kif definiti fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u fil-Pjan Direzzjonali għall-Użu Effiċjenti tar-Riżorsi kif ukoll sabiex jiġu ssuperati d-diffikultajiet fl-implimentazzjoni. B'mod aktar preċiż, l-għanijiet strateġiċi tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni huma li **sal-2020**:

- ***Ikun hemm provvista disponibbli tal-ilma sikur għal kulħadd bi prezz tajjeb, filwaqt li jkun żgurati riżorsi suffiċjenti tal-ilma għall-ambjent.***
- ***Tinkiseb is-seprazzjoni relattiva bejn l-eżawriment tar-riżorsi tal-ilma u l-livell ta' attività ekonomika f'setturi ewlenin tal-UE (inklużi l-enerġija, il-biedja u l-kimiċi).***
- ***Jinżamm u jittejjeb l-istatus tajjeb tal-ilma fil-baċiri tax-xmajjar kollha tal-UE – f'termini tal-kwalità, tal-kwantità u tal-użu, u fil-kuntest ta' pressjonijiet dejjem akbar fuq ir-riżorsi tal-ilma.***

Jiġu żviluppami miri sabiex jitkejjel il-progress lejn l-ihiq ta' dawn l-għanijiet strateġiċi u sabiex jinħoloq inċentiv għall-partijiet interessati għall-impenn attiv tagħhom. Dawn jirriflettu l-oqsma differenti ta' azzjoni integrati fl-għan strateġiku u fis-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni nnifisha. Il-miri se jiġu elaborati aktar fil-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni li għandu jiġi elaborat matul il-ħarifa tal-2012 u se jkun marbuta mill-qrib mal-Pjan dettaljat dwar l-ilmijiet tal-Ewropa maħsub għal Novembru 2012.

B'dawn il-kondizzjonijiet is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se timmira għall-miri li ġejjin sal-2020:

- L-implimentazzjoni f'waqtha fl-2015 tal-Pjanijiet kollha għall-Ġestjoni tal-Baċiri tax-Xmajjar. Filwaqt li qed tkompli tiżdied il-persjoni fuq l-ilma, l-għanijiet xorta waħda jibqgħu jiġu ssodisfati bir-riżultat tat-tnaqqis fl-impatti tal-għargħar u tan-nixxiet, tal-adattament tal-uċuħ, tat-tisħiħ taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija u tas-sistemi effiċjenti ta' irrigazzjoni. Id-dipendenza fuq l-għażliet alternattivi għall-provvista tal-ilma tista' sseħħ biss meta ma jkunux jeżistu aktar opportunitajiet orħos tal-iffrankar.
- It-telf tal-ilma għandu jitnaqqas għal livelli sostenibbli madwar l-UE, permezz tal-innovazzjoni li tiffoka fuq ir-reġjuni fejn dan it-telf jnħass l-aktar
- L-estrazzjoni tal-ilma hija inqas minn 20 % tar-riżorsi tal-ilma rinnovabbli disponibbli fir-reġjuni kollha.

Dan għandu jwassal għall-benefiċċji mill-innovazzjoni u mill-kompetittività kif ġej:

- Iż-żmien sal-ħruġ fis-suq ta' innovazzjonijiet relatati mal-ilma fl-Ewropa huwa iqsar milli f'ekonomiji b'livell simili ta' żvilupp. L-Ewropa tinsab fl-ewwel post fis-suq globali fir-rigward ta' soluzzjonijiet innovattivi li jittrattaw b'mod effettiv l-isfidi relatati mal-ilma.
- Sal-2030 l-ekoindustriji relatati mal-ġestjoni tal-ilma tal-UE se jżidu l-fatturat tagħhom fl-UE b'20 % u l-opportunitajiet ta' impjeg tagħhom b'20 %¹².
- Il-prassi għall-ġestjoni sostenibbli tal-ilma jiġu ppreżentati fis-suq globali u jiġu integrati fil-kooperazzjoni dwar l-ilma tal-UE u tal-Istati Membri mal-pajjiżi ġirien u dawk li qed jiżviluppaw.

¹² L-industriji relatati mal-ilma jammontaw għal 33 % tas-suq globali għall-ekoindustriji, u dan huwa stmat għal fatturat ta' EUR 1,15 triljun fis-sena fl-2010. L-impjegi fl-industriji relatati mal-ilma jammontaw għal 22 % tal-impjegi totali fl-ekoindustriji fl-Ewropa fl-2010. L-istudju Ecorys dwar l-għadd ta' impjegi dipendenti fuq l-Ambjent u fuq it-Tiġib fl-Effiċjenza tar-Riżorsi (Frar 2012).

Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni nnifisha se jkollha dawn il-miri operattivi:

- Li sa tmiem l-2012 tkun waslet għal qbil dwar il-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni.
- Li sal-2013 tiffunzjona b'mod effettiv bħala pjattaforma għal partijiet interessati fil-qasam pubbliku u dak privat biex jikkooperaw effiċjentement għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi relatati mal-ilma.
- Li sal-2013 tistabbilixxi Post tas-Suq ibbażat fuq l-internet għall-innovazzjonijiet fis-settur tal-ilma, li jippermetti l-atturi madwar l-UE kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda biex jikkooperaw flimkien.
- Li sal-2015 tippreżenta l-ewwel riżultati tal-azzjonijiet għat-tneħħija tal-ostakli ewlenin għall-innovazzjoni fil-livelli tal-UE, tal-Istati Membri u reġjonali sabiex ikun żgurat l-appoġġ tal-innovazzjoni mil-leġiżlazzjoni u mill-istrumenti finanzjarji.
- Li sal-2020 tippreżenta soluzzjonijiet ittestjati għal 10 sfidi ewlenin relatati mal-ilma li ntxterdu u ġew immultiplikati b'suċċess.

5. L-oqsma prijoritarji għall-innovazzjoni

Bil-għan li jkunu ottimizzati l-attivitajiet li jindirizzaw l-ostakli għall-innovazzjoni, qed jiġu proposti tliet **Suddiviżjonijiet tax-Xogħol** li jiżviluppaw soluzzjonijiet li jistgħu jiġu kkumerċjalizzati u jfasslu l-istrateġiji għat-tixrid: Il-Ġestjoni tal-Ilma Urban, il-Ġestjoni tal-Ilma Rurali u l-Ġestjoni tal-Ilma Industrijali. Konsultazzjonijiet estensivi rriżultaw f'appoġġ fuq firxa wiesgħa min-naħa tal-partijiet interessati għal dan l-approċċ. L-użu tas-suddiviżjonijiet tax-xogħol huwa wieħed prammaturu għall-organizzazzjoni tal-attivitajiet konkreti tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni permezz ta' grupp koerenti ta' partijiet interessati li jitrattaw sfidi relattivament simili. Id-deskrizzjoni indikattiva li ġejja sservi bħala bażi għall-iżvilupp tas-suddiviżjonijiet tax-xogħol.

- Il-ġestjoni tal-ilma urban

Il-ġestjoni tal-ilma urban tinsab taħt pressjoni li qed tiżdied minħabba l-urbanizzazzjoni dejjem tikber (huwa mistenni li aktar minn 80 % tal-popolazzjoni se jkunu jgħixu f'żoni urbani fil-pajjiżi tal-UE fl-2050¹³). Hemm il-ħtieġa ta' approċċ integrat li l-qofol tiegħu jkun iċ-ċiklu tal-ilma urban, li jinvolvi lill-partijiet interessati kollha li għandhom impatt fuq, jew li huma affettwati direttament mill-isfidi tal-ilma. Dawn jinkludu partijiet interessati professjonali, kif ukoll iċ-ċittadini u l-gvernijiet lokali biex ikunu żgurati l-approvazzjoni u l-adozzjoni tal-innovazzjonijiet. Soluzzjonijiet innovattivi li jiffokaw fuq ir-relazzjoni bejn l-ilma u l-enerġija, l-effiċjenza fl-użu tal-ilma (domestiku u industrijali), il-kwalità tal-ilma, l-infrastruttura għall-ilma, ir-rikreazzjoni, is-saħħa pubblika u s-sensibilizzazzjoni tal-utent meġhuna mit-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni se jkunu ta' importanza ewlenija. Ix-xogħol se jiġi kkoordinat mal-“Inizjattiva Komunitajiet u Bliet Intelliġenti” tal-Kummissjoni Ewropea fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport u t-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni.

¹³ It-Taqsima tal-Popolazzjoni tad-Dipartiment tal-Affarijiet Soċjali u Ekonomiċi tas-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti, *World Population Prospects: The 2006 Revision and World Urbanization Prospects: The 2007 Revision*, <http://esa.un.org/unup>

- Il-ġestjoni tal-ilma rurali

Fiż-żona rurali, il-bijodiversità, l-agrikoltura, l-ippjanar spazjali u l-ġestjoni tal-użu tal-art jinfluwenzaw lil xulxin u jistgħu jikkompetu ma' xulxin fir-rigward tar-riżorsi disponibbli tal-ilma. Barra minn hekk, iż-żoni rurali jistgħu jaqdu rwol importanti fil-prevenzjoni ta' għargħar u jnaqqsu l-effetti tal-iskarsezza tal-ilma u tan-nixfiet. Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar l-Ilma se tindirizza l-konnessjoni bejn il-ġestjoni tal-ilma fil-livell tal-azjendi agrikoli u l-allokkazzjoni tar-riżorsi tal-ilma lill-agrikoltura fil-livell tal-baċir idrografiku u tal-massa tal-ilma kif ukoll il-persjonijiet permissibbli fuq il-kwalità tal-ilma. Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se tikkordina mal-kontroparti tagħha dwar il-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli li se tindirizza kwistjonijiet dwar il-kwalità u l-kwantità tal-ilma fil-livell tal-azjendi agrikoli.

- Il-ġestjoni tal-ilma industrijali

L-innovazzjonijiet fil-proċessi industrijali, l-applikazzjonijiet tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni u t-teknoloġiji ġodda għal trattament aktar effiċjenti se jnaqqsu l-ispejjeż u l-ħtiġijiet tal-enerġija u t-tniġġis. Fl-industrija b'konsum għoli tal-ilma bħall-produzzjoni tal-enerġija, jew l-industrija tas-sustanzi kimiċi, l-innovazzjonijiet għaż-żieda fl-effiċjenza fl-użu tal-ilma fil-proċessi tal-produzzjoni se jkollhom effetti pożittivi fuq it-tnaqqis totali tal-impronta ekoloġika fis-settur tal-ilma. Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar l-Ilma se tikkonċentra biex tiffaċilita l-possibbiltà li l-industrija u l-impriżi żgħar u medji jxerrdu dawn l-innovazzjonijiet. Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar il-Materja Prima se tinvestiga l-komplementaritajiet.

Se jiġu definiti għadd ta' **Temi Trasversali** biex jittrattaw kwistjonijiet trasversali li huma rilevanti għall-attivitajiet ta' tnejn mis-suddiviżjonijiet tax-xogħol jew tat-tlieta li huma. Dawn jistgħu jinkludu, pereżempju, il-ġestjoni tal-baċiri tax-xmajjar, it-tibdil fil-klima u l-ilma, l-interkonnessjoni bejn l-enerġija u l-ilma, il-governanza tal-ilma, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp relatata mal-ilma, l-inġinerija finanzjarja jew l-istandardizzazzjoni.

6. L-implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni

Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni se jiffirma l-bażi għar-riżultati konkreti tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni. Permezz ta' strateġija minn isfel għal fuq, il-Pjan se jistabbilixxi l-prijoritajiet għal azzjonijiet fi ħdan is-suddiviżjonijiet tax-xogħol u se jiddetermina t-temi trasversali li għandhom jiġu indirizzati. Il-Pjan se jikkunsidra bis-sħiħ il-programmi ta' finanzjament¹⁴ u l-inizjattivi rilevanti tal-UE sabiex jottimizza l-impatt tal-finanzjament u jikkontribwixxi għall-għanijiet tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni. Il-Pjan Strateġiku se jgħarbel ukoll il-miri tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni, filwaqt li jqis il-Pjan dettaljat għas-salvagwardja tal-ilmijiet tal-Ewropa.

6.1 Riżultati

L-implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se twassal għar-riżultati konkreti kif ġej:

- **Is-Siti tal-Innovazzjoni**

¹⁴ Inkluż permezz tar-riċerka nazzjonali u reġjonali u l-istrateġiji tal-innovazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni futura tal-UE

Sal-2013 se tkun immedija l-ewwel sensiela ta' Siti tal-Innovazzjoni sabiex dawn jidentifikaw l-ostakli għall-innovazzjoni, jiżviluppaw, jittestjaw u juru attivitajiet, azzjonijiet, prototipi u soluzzjonijiet konkreti skont il-Pjan Strateġiku, b'rabta b'mod partikolari mal-isfida tal-ilma. Dawn jistgħu jvarjaw minn siti ta' wirjiet fiżiċi għal proġetti ta' kooperazzjoni jew żvilupp ta' netwerks. Is-Siti tal-Innovazzjoni se jkollhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni.

- **It-tixrid ta' soluzzjonijiet innovattivi**

Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se tiffaċilita l-iżvilupp ta' strateġiji sabiex jinxterdu l-iskoperti u s-soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi ewlenin relatati mal-ilma, filwaqt li titħaffef l-adozzjoni tagħhom fis-suq.

- **Jiġu indirizzati l-ostakli għall-innovazzjoni fis-settur tal-ilma**

L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet biex l-innovazzjonijiet jitwasslu fis-suq b'suċċess u jinxterdu huwa mfixxkel minħabba diversi ostakli (dawk regolatorji, finanzjarji, ta' standardizzazzjoni, tekniċi, soċjali, eċċ.). Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se tidentifika l-ostakli ewlenin għall-innovazzjoni. Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se tesplora l-miżuri u l-azzjonijiet meħtieġa biex jingħelbu l-ostakli u se tiddefinixxi l-opportunitajiet għat-tħaffif ta' skoperti u tal-innovazzjoni għal kull pass fil-katina tal-valur mir-riċerka sas-suq.

- **Il-Post tas-Suq' tal-Innovazzjoni fis-settur tal-ilma**

Sal-2013 għandu jkun żviluppat u stabbilit Post tas-Suq ibbażat fuq l-internet. Il-Post tas-Suq se jippermetti l-interazzjoni ta' dawk li għandhom il-problemi ma' dawk li jistgħu joffru s-soluzzjonijiet irrispettivament mil-lokalità ġeografika tagħhom. Il-Post tas-Suq se jiġi ssorveljat permezz tal-istruttura ta' governanza tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni u se jkunu mqabba mal-oqsma l-oħra għall-produzzjoni tar-riżultati.

6.2 Il-Finanzjament

Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se tidentifika kif il-programmi ta' finanzjament differenti fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali kif ukoll mis-sorsi privati jistgħu jinteraġixxu bl-aħjar mod sabiex jitħaffef l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi, pereżempju permezz tal-użu tan-netwerk tal-finanzjaturi tal-eko-innovazzjoni, stabbilit skont il-Pjan ta' Azzjoni għall-Eko-innovazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea se tikkunsidra appoġġ rilevanti għall-attivitajiet tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni permezz tas-Seba' Programm Kwadru. L-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu l-investimenti rilevanti fil-programmi futuri tal-Fondi Strutturali 2014-2020.


7. Il-governanza

Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se teħtieġ il-parteċipazzjoni u l-impenn tal-partijiet interessati rilevanti kollha li jirrappreżentaw il-katina tal-valur tal-innovazzjoni kollha kemm hi.

Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni se tuża u tikkoordina mill-qrib mal-attivitajiet u l-eżiti tal-inizjattivi eżistenti Ewropej, nazzjonali u reġjonali. Dawn jinkludu l-Inizjattivi ta' Programmazzjoni Konġunta rilevanti, il-programmi ta' riċerka u ta' innovazzjoni nazzjonali u reġjonali, il-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej, il-mekkaniżmi finanzjarji, Sħubijiet Ewropej

għall-Innovazzjoni oħrajn u inizjattivi innovattivi oħra, sabiex jipromwovu s-sinerġiji u sabiex tkun evitata d-duplikazzjoni.

Il-mudell ta' governanza se jiffaċilita approċċ minn isfel għal fuq sabiex tingħata prijorità lill-oqsma fejn l-azzjonijiet ta' innovazzjoni jistgħu jiġu segwiti kif għandu jkun. Fl-istess ħin, għandu jiżgura l-impenn fl-ogħla livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-partijiet interessati kollha involuti.



Stampa 1: Preżentazzjoni viżwali tal-mudell tal-governanza

Wara stedina mill-Kummissjoni Ewropea, se jkun stabbilit **Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli**. Il-Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli se jkun ippresedut mill-Kummissarju għall-Ambjent u se jkun kompost minn Kummissarji Ewropej oħra, minn rappreżentanti mill-Istati Membri, mill-Parlament Ewropew u minn varjetà sħiħa ta' partijiet interessati. Il-membri se jkunu mistiedna fil-kapaċità personali tagħhom u se jirrappreżentaw il-katina tal-valur tal-innovazzjoni kollha kemm hi. Il-Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli se jstabbilixxi l-mandat tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni u se jadotta l-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni u **pjan direzzjonali multiannwali** għall-2012-2020. Ir-rwol tal-Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli matul l-istadju tal-implimentazzjoni se jiġi rivedut wara l-adozzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni.

Il-Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli se jaħtar **Task Force** li se jirrifletti l-kompożizzjoni tal-Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli, u jgħaqqad il-livelli operattivi u tat-teħid tad-deċiżjonijiet. It-Task Force se jkun responsabbli għall-abbozzar tal-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni, u jggarantixxi approċċ minn isfel għal fuq. Wara l-adozzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni, il-konfigurazzjoni tat-Task Force tista' tiġi riveduta, bil-possibbiltà li jiżjed l-għadd ta' partijiet interessati li se jkunu rrapreżentati matul il-fażi tal-implimentazzjoni filwaqt li tinżamm kapaċità effettiva għat-teħid ta' deċiżjonijiet. Matul il-fażi tal-implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni, it-Task Force se jkun strumentali sabiex jissorvelja l-progress tal-attivitajiet ibbażati fuq il-miri li ġew stabbiliti.

Barra minn hekk, it-Task Force se jipprovdi l-koordinazzjoni u l-iskambju reċiproku bejn l-attivitajiet tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni u se jappoġġja l-iżvilupp ta' strateġiji ta' tixrid.

Għal kull suddiviżjoni tax-xogħol se jkunu stabbiliti networks operattivi, u dawn se jkunu komposti mill-partijiet interessati kollha rilevanti għal kull suddiviżjoni tax-xogħol u minn atturi li jipparteċipaw fis-Siti tal-Innovazzjoni. Sabiex jiżguraw il-massimu tal-iskambju ta' għarfien u ta' esperjenzi u sabiex jistimolaw l-estensjoni tal-attivitajiet tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni, in-networks se jkunu miftuħa għal attivitajiet ta' innovazzjoni oħra relatati mal-ilma fl-Ewropa. L-iffirmar ta' **Dikjarazzjoni ta' Impenn** se jkun meħtieġ għall-membri kollha tan-networks. In-networks se jkunu responsabbli għall-koordinazzjoni bejn is-suddivizionijiet tax-xogħol, se jikkollegaw mas-Siti tal-Innovazzjoni u se jiffaċilitaw l-eżiti tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (ifittxu l-opportunitajiet tas-suq, jindirizzaw id-diversi ostakli għall-innovazzjoni, jidentifikaw l-opportunitajiet ta' finanzjament u jiżviluppaw l-istrateġiji għat-tixrid). L-attivitajiet tan-networks se jiġu kkoordinati u ssorveljati mit-Task Force.

Kull sena se tiġi organizzata '**Laqgħa tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar l-Ilma**', li tippermetti lill-atturi kollha jinġabru flimkien u jiddiskutu l-eżiti tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni. F'din il-laqgħa, in-networks se jingħaqdu biex jirrapportaw dwar l-attivitajiet, jissorveljaw l-iżviluppi u jivvalutaw il-progress tas-Siti tal-Innovazzjoni. Wara l-laqgħa tan-networks tas-suddivizionijiet tax-xogħol, it-temi trasversali se jingħaqdu biex jiddiskutu l-progress u l-oqsma fejn teħtieġ azzjoni fil-futur. Wara dawn il-laqgħat, se jiltaqa' t-Task Force, u hawn in-networks u t-temi trasversali se jirrapportaw u jirċievu gwida strateġika. Matul dawn il-laqgħat, se jitkejjel il-progress lejn l-ilħiq tal-miri.

Il-Kummissjoni Ewropea se tiffunzjona bħala mutur u faċilitatur tal-proċess tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea se tistabbilixxi **Segretarjat tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni**, li se jgħin lit-Task Force fl-iżvilupp tal-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni u se jappoġġja l-faġi ta' implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni. Wara l-adozzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea se tivvaluta l-pjan u se tipproponi kif dan se jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni.

8. Il-passi li jmiss

Il-Kummissjoni Ewropea tipprevedi l-passi ewlenin kif ġej:

- Sa Mejju 2012, il-kunsiderazzjoni min-naħa tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Komunikazzjoni dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni.
- Qabel is-sajf tal-2012, l-istabbiliment tal-Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli u l-laqgħa tal-bidu.
- Sa Settembru 2012, il-ħatra tat-Task Force u l-istabbiliment tas-segretarjat tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni.
- Qabel Diċembru 2012, l-iżvilupp tal-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni mit-Task Force.

- F'Diċembru 2012, l-adozzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni mill-Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli. Il-Kummissjoni se tressaq dan il-Pjan quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill flimkien mar-reazzjoni tagħha għall-Pjan.
- Fil-bidu tal-2013, tinbeda l-implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni: eż. selezzjoni tal-ewwel Siti tal-Innovazzjoni, l-istabbiliment tan-netwerks tas-suddivizionijiet tax-xogħol, l-implimentazzjoni ta' miżuri min-naħa tad-domanda, l-iżvilupp tal-post tas-suq ibbażat fuq l-internet eċċ.
- Sabiex tivvaluta l-progress li jkun sar matul l-2013 il-Kummissjoni Ewropea se torganizza analiżi tas-Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni.
- Analiżijiet regolari tal-progress fl-implimentazzjoni u li jitqabblu mal-miri.